**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 153**

It-Tlieta, 10 ta' Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Chris Said kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ray Abela u l-Onor. Ivan J. Bartolo kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**DEĊIŻJONI TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling dwar it-talba tal-Onor. Graziella Galea dwar il-pubblikazzjoni ta' mistoqsija parlamentari magħmula minnha fuq Facebook mis-Sindku ta' San Pawl il-Baħar meta din kienet għadha mhux imwieġba u allura mhux pubblika.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 152 li saret fid-9 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Eve Borg Bonello sabiex tiġi reġistrata bħala msiefra fuq xogħol uffiċjali tal-partit fil-Minuti tas-Seduta 149 tat-2 ta' Ottubru 2023 kif ukoll it-talba tal-Onor. Keith Azzopardi Tanti u tal-Onor. Stephen Spiteri sabiex jidhru bħala skużati fil-Minuti tas-Seduta 151 tal-4 ta' Ottubru 2023, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2315 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Glenn Bedingfield fil-laqgħa tal-COSAC Chairpersons li nżammet ġewwa Madrid fis-17 u t-18 ta' Settembru 2023; u

P.L. 2316 Ittra mibgħuta mill-Ombudsman datata 9 ta' Ottubru 2023 mibgħuta lis-Sedja ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, flimkien mal-Opinjoni Finali bir-referenza CEP-23-3743 datat 7 ta' Settembru 2023 u dokumenti oħra relatati, dwar ilment fuq żvilupp illegali fuq il-promenade ta' Marsaxlokk.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 9882 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

Bi tweġiba għall-mistoqsija supplimentari għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9882, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2317 Facebook post tal-1 ta' Awwissu minn Daniel Cordina dwar il-Pulizija tal-Komunità

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2318 Dokument bl-isem Trans, Gender Variant & Intersex Inmates Policy maħruġ mis-*Servizz Korrezzjonali*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10765;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2319 Informazzjoni rigward deċiżjonijiet regolatorji maħruġa mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kompetizzjoni fil-perjodu bejn l-2016 u l-2023, maqsuma sena b'sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11204;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2320 Lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża fejn hemm defibrillator, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 9885;

P.L. 2321 Tabella li turi n-numru ta' impjegati ta' Project Green, maqsuma skont l-iskala u l-grad, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11665; u

P.L. 2322 Tabella li turi tagħrif dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) dwar ilmenti ta' ħruq ta' skart fl-akkwati ta' Ħal Qormi viċin iż-żona Ta' Farsina minn Jannar sa Ottubru 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 11670; u

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2323 Pjanta tas-sit fejn ser ikun qed jinbena Acute Psychiatric Facility, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11776;

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, l-Onor. Davina Sammut Hili kienet se tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. Amanda Spiteri Grech, u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, li kienet se tinżamm l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023, l-Onor. Davina Sammut Hili se tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. Glenn Bedingfield.

**MOZZJONIJIET**

Is-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Andy Ellul, talab il-permess tal-Kamra sabiex iressaq mozzjoni mingħajr avviż.

Il-permess ingħata.

**175. SOSTITUZZJONI TA' MEMBRU FUQ IL-KUMITAT DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ**

L-Onor. Andy Ellul ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Edward Zammit Lewis jinħatar Membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej minflok l-Onor. Rebecca Buttigieg li kienet nominata fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 18 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA – ABBOZZ 3**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291".

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Fis-5.57 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, jirrapporta dwar ħidma tal-Kumitat.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Onor. Michael Farrugia, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, irrapporta li Abbozz Nru 50 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

## 1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA – ABBOZZ 3 (KONTINWAZZJONI)

Il-Kamra rrizumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Michael Farrugia u l-Onor. Edward Zammit Lewis għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Joe Giglio għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-6.56 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

## KUMITATI PERMANENTI

L-Onor. Carmelo Abela, President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt, irrapporta li Abbozz Nru 62 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji kien għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emenda.

Fis-6.57 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla | Tieni Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Ian Vassallo, mill-Onor. Stanley Zammit u mill-Onor. Toni Bezzina.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Stanley Zammit qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2324 Artiklu li deher online bl-isem ‘Daqshekk trabijiet u storbju mis-siti ta’ kostruzzjoni’ datat 6 ta’ Ġunju 2018

P.L. 2325 Artiklu li deher fil-ġurnal *The Malta Independent* bl-isem ‘Surge in suicides – Mental Health ‘should have’ its own parliamentary secretary’ datat 3 ta’ Settembru 2023

Fis-7.31 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 11 ta’ Ottubru 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**